**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 27 – IT-TNEJN, 16 TA' NOVEMBRU 2020 FIS-5.45pm**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 26**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 6.2 għandha tidħol "is-Sur Anthony Mifsud Bonnici talab biex issir sleeping policeman fi Triq il-Mensija quddiem il-Cart Ruts. Ma qabel ħadd ma' din it-talba".

1.2 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Tania Borg issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 26**

2.1 Is-Sur Dominic Cassar staqsa:- Dwar punt 4.2 – Ħsara fi Triq il-Bies. Il-Kunsill ġie nfurmat li għandu jsir rapport mill-Perit tal-Kunsill u dan jintbagħat lil Infrastructure Malta. Dwar punt 5.1 – staqsa jekk ħarġitx is-sejħa għal skrivana ġdida. Il-Kunsill ġie nfurmat li iva. Dwar punt 5.2 staqsa jekk bdewx is-sanitizing. Il-Kunsill ġie nfurmat li iva u għad hemm xi tliet postijiet biex isiru.

2.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici staqsa dwar punt 4.4 – jekk id-dokumenti ġewx uploaded. Il-Kunsill ġie nfurmat li iva. Dwar punt 5.1 – staqsa għal liema raġuni rriżenjat l-iskrivana. Il-Kunsill ġie nfurmat li din irriżenjat minħabba nuqqas ta' qbil ma' ħaddiema oħra. Hu fakkar li fi Triq ir-Rummien kellu jitneħħa xi ħaxix minn fuq il-bankina.

2.3 Is-Sinjura Tania Borg staqsiet x'azzjoni ttieħdet dwar l-impjegata tal-Kunsill li mhux qed tattendi għax-xogħol. Ser issir laqgħa ma' Avukat isspeċjalizzat fuq impjiegi biex jittieħed parir dwar id-drittijiet tal-Kunsill.

## 3 Pagamenti Numru 28

3.1 Is-Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar il-workshop li ser jorganizza l-Kunsill dwar l-użu ta' mezzi ta' transport alternattiv. Dan ser isir fit-28 ta' Novembru 2020 fl-Urban Valley Resort.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil li tiġi approvata t-talba mill-Banda San Ġwann biex jiġu organizzati Car Washes f'Misraħ Lourdes fil-5 u fis-6 ta' Diċembru 2020 u fit-12 u fit-13 ta' Diċembru 2020.

5.2 Kien hemm qbil li tiġi approvata t-talba mill-Għaqda tan-Nar biex tiġi organizzata Car Wash f'Misraħ Lourdes fil-21 u fit-22 ta' Novembru 2020.

5.3 Kien hemm diskussjoni dwar pjanta proposta għal embellishment ta' Triq l-Ispika. Kien hemm qbil unanimu dwar dan il-proġett u din il-pjanta.

5.4 Dwar il-kwotazzjonijiet għal drip irrigation fit-tliet ġonna (Masġar Leopoldu, G M Camilleri, u Santa Margerita), kien hemm qbil li tintgħażel il-kwotazzjoni ta' V Portelli and Sons Limited peress li hija l-irħas offerta.

5.5 Dwar il-Milied, is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li s-siġar tal-Milied ġew armati kif ukoll id-dawl tal-Milied. Il-presepju għandu jiġi armat fi żmien li ġej. Kien hemm qbil li jiġu ordnati diaries għal kunsilliera u staff għal min irid.

5.6 Kien hemm qbil dwar xiri ta covid packs li qed jiġu ffinanzjati mir-Reġjun taċ-Ċentru. Ghandu jinxtara minghand il-kumpanija V J Salamone.

## 6 Affarjiet Ohra

6.1 Is-Sinjura Violet Bajada talbet biex issir marka fi Triq il-Mensija ta' 30km. Kien hemm qbil dwar din. Hi fakkret ukoll li hemm xi qasab biex jinżabar fi Triq l-Ambaxxati.

6.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ilmenta dwar karozzi li jinsabu fil-lokal li mhumiex residenti. Hu talab biex isiru Residents Parking. Is-Sur Dominic Cassar irrisponda li dan mhux possibbli minħabba li Transport Malta kienet għadha qed tistudja dawn l-iskemi qabel ma' taċċetta dawn it-talbiet. Is-Sur Trevor Fenech fakkar ukoll li kien hemm talba fil-passat biex isiru Residents Parking fi Triq A Matrenza u hawn il-Kunsill ma kienx aċċetta.

6.2.1 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici staqsa wkoll dwar jekk sarux il-maskri bil-logo tal-Kunsill. Ġie nfurmat li dawn kienu għadhom ma sarux. Is-Sur Mifsud Bonnici fakkar ukoll li hemm xi ħaxix fi Triq ir-Rummien li għandu jitneħħa.

Is-Sur Etienne Bonello du Puis skuża ruħu mil-laqgħa fis-7pm.

Is-Sur Dominic Cassar ilmenta li hemm ħaxix ħażin fil-Ġnien San Ġorġ Preca. Dan ghandu jitneħħa din il-gimgħa. Hu talab ukoll biex isiru kaxxi bojod quddiem garaxxijiet li qed jintużaw bħala residenzi u mhux qed jiddaħħlu vetturi.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 30 ta' Novembru 2020 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Trevor Fenech**<br>**Sindku** |